MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 81/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo Bonnici**
**u**
**Benedetto Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Bonnici u Benedetto Bonnici talli fil-lejl ta' bejn 6 u 7 ta' Marzu 2001, gewwa Hal-Qormi:

a) Bil-hsieb li jikkommettu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, u cioe` billi qalghu l-boldijiet u skurfini ta' crane compressor tal-marka coles minn fuq l-istess crane bin-numru GAA

337 li kien ipparkjat fi Triq ir-Raghaja, Qormi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

b) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq partijiet ta’ crane compressor, ghad-detriment ta’ Carmelo Caruana minn Hal-Qormi, liema hsara hi ta’ aktar minn hamsin lira Maltin izda anqas minn hames mitt lira Maltin;

c) Talli rendew ruhhom recidivi b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Carmelo Bonnici wahdu:

d) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ PS 160 Mario Mifsud, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

e) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura Ford Escort hamra bin-numru tar-registrazzjoni LAI 053 meta skond sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Peralta datata 6.11.2000, kellu il-licenzja tas-sewqan sospiza ghal perjodu ta’ sena;

f) Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, f’dawn il-gzejjer, saq vettura Ford Escort hamra bin-numru tar-registrazzjoni LAI 053 minghajr licenzja tas-sewqan, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni;

g) Talli f’dawn l-ahhar xhur, naqas li jaghmel transfer tal-vettura LAI 053, ta’ l-ghamla Escort, fi zmien sebat ijiem u naqas li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-miktub

b’dan it-transfer. Naqas ukoll li jgedded il-licenzja tal-vettura;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat is-7 ta' Jannar 2002 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-appellati (allura imputati) hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannat lill-imsemmi Benedetto Bonnici ghal piena karcerarja ta’ seba’ xhur filweaqt li kkundannat lill-imsemmi Carmelo Bonnici ghal piena karcerarja ta’ disa’ xhur u ghall-hlas ta' multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sena mid-data ta' dik is-sentenza. Inoltre ordnat il-konfiska tal-vettura Escort numru LAI-053;

Rat ir-rikorsi ta’ appell tat-30 ta’ Marzu 2004 ta’ l-imsemmijin Carmelo Bonnici u Benedetto Bonnici li permezz taghhom talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-*pre-sentencing reports* imhejjija b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dott. Franco Debono ghall-appellanti u ta' Dott. Antony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-appelli ta' Carmelo Bonnici u ta' Benedetto Bonnici jirrigwardaw biss il-piena.

Bhalma gie kostantement ritenut minn din il-Qorti, il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li

tkun fil-fatt inghatat[1]. Ghalhekk din il-Qorti se tghaddi biex tezamina c-cirkostanzi tal-kaz sabiex tara jekk il-piena nflitta fuq iz-zewg appellanti kenitx eccessiva jew le.

Fir-rikorsi taghhom iz-zewg appellanti jissottomettu li l-iskop ta' piena llum mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni izda ta' rijabilitazzjoni. Jghidu li fl-eta` tenera taghhom flimkien mal-fatt li l-fedina penali rispettiva taghom mhijiex wahda allarmanti u maghdud il-kooperazzjoni taghhom ma' l-awtoritajiet investigattivi, jaghmluhom kandidati ideali ghal piena mhux karcerarja izda wahda *auspicio emendationis*. Jirreferu wkoll ghall-fatt li t-tnejn jahdmu, li r-refurtiva giet rekuperata u ritornata lis-sid u li l-hsara kienet *de minimis*. B'riferenza ghall-*pre-sentencing reports*, jesprimu ruhhom sorprizi b'dak li jirreferu ghalih bhala "kontradizzjoni lampanti" fir-rakkommandazzjonijiet tal-*probation officers* fejn dawn qalu li l-appellanti ghandhom jinghataw piena karcerarja bil-fakolta` li jissiehbu fi programm ta' rijabilitazzjoni waqt li qeghdin jiskontaw is-sentenza, u dan peress li sabiex wiehed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-habs irid ikun gie kkundannat ghal piena karcerarja bejn sitt xhur u sentejn u jigi ammess f'tali programm biss wara li jkun skonta l-ewwel sitt xhur; konsegwentement huwa prattikament impossibbli li r-rakkommandazzjoni ewlenija tal-*probation officers* tigi implimentata. Inoltre jissottomettu li minn dawn ir-rapporti stess jirrizulta li qeghdin jghixu hajja ta' bzulija u li l-*urine tests* kienu negattivi. Jirreferu wkoll ghac-cirkostanzi familjari taghhom.

Jigi l-ewwelnett osservat li f'dan il-kaz il-piena ta' prigunerija nflitta fuq iz-zewg appellanti hi sahansitra taht il-*minimum* anke jekk, dwar l-ewwel reat, dak ta' tentattiv ta' serq, jinghata tnaqqis shih ta' zewg gradi skond l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9.

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; u Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Alfred Tonna**, 10 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs Jomic Calleja**, 30 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs Emanuel Magro**, 14 ta' Ottubru 2004.

Kwantu ghall-kooperazzjoni ta' l-appellanti ma' l-awtoritajiet investigattivi u l-ammissjoni taghhom, irid jinghad li huma nqabdu *"red-handed"* u dan ma jghinx biex jottjenu piena inqas minn dik erogata (ghalkemm, kif din il-Qorti ghadha kemm osservat, il-pieni rispettivi nflitti huma inqas mill-*minimum*) ghaliex kif jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. E1.18, pagna 1789) b'riferenza ghal *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (5) 182:

**"the discount might be lost … (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain."**

L-istess jista' jinghad ghall-irkuprar tar-refurtiva. Dan ma garax ghax l-appellanti marru minn jeddhom jirritornawha izda ghax malajr inqabdu mill-forzi ta' l-ordni.

Il-kwistjoni principali tirrigwarda jekk l-appellanti humiex kandidati idoneji ghal *probation* in vista tac-cirkostanzi kollha minnhom elenkati u anke rizultanti mill-*pre-sentencing reports*. Din il-kwistjoni giet trattata wkoll quddiem l-ewwel Qorti li, nonostante l-verbal tal-prosekuzzjoni u d-difiza tat-22 ta' Jannar 2003 (a fol. 42) li jaqblu li ghandha ssir *probation order*, esprimiet ruhha fis-sens li ma kienet tinsab xejn konvinta minn dan in vista tal-fatt li l-appellanti (allura imputati) kienu diga` bbenefikaw minn *probation order* izda ftit jidher li kellu effett fuqhom peress li regghu kkommettew l-istess tipi ta' reati u Carmelo Bonnici aggrava s-sitwazzjoni billi anke kien sejjer ihebb b'shaft ghal P.S. 160. Mill-*pre-sentencing reports* jidher li l-*probation officers* huma ta' l-istess fehma, cioe` li *probation order* ma jkunx ta' beneficcju ghall-appellanti li jidher li ghandhom problema ta' abbuz ta' droga.

Dwar Carmelo Bonnici jinghad fir-rapport relattiv li huwa ilu f'kuntatt mas-*Substance Misuse Unit* minn Novembru 1999 izda l-progress tieghu kien minimu u qatt ma hadem b'mod intensiv biex jeghleb il-problema tad-droga. Ghalkemm wera interess li jiehu l-kura gewwa Dar l-Impenn u ma jidholx ghal programm residenzjali, it-tabib

Dr. Moses Camilleri ndika lill-ufficjal tal-*probation* li hejja r-rapport li programm residenzjali ghal Carmelo Bonnici huwa indispensabbli.

Dwar Benedetto Bonnici nsibu xenarju prattikament identiku. Jidher li huwa beda l-kuntatti mas-*Substance Misuse Unit* fl-1998 izda la ghamel progress u lanqas wera interess li jidhol fi programm residenzjali kif issuggerilu t-tabib Dr. Joseph Tonna. Ma' l-ufficjal tal-*probation* wera indecizjoni jekk ghandux fil-fatt jaghmel tali programm.

Il-fatt li l-appellanti jahdmu ghandu certament jigi kkunsidrat bhala aspett ferm pozittiv. Mill-banda l-ohra hi ferm preokkupanti dik li tidher li hi nuqqas ta' motivazzjoni serja biex jeghlbu l-problema tad-droga a skapitu taghhom stess, tal-familja u tas-socjeta`. Barra minn hekk l-appellanti ma gharfux jibbenefikaw minn ordni ta' *probation* li kienet inghatatilhom mill-Qorti tal-Magistrati, lil Carmelo Bonnici fit-23 ta' Gunju 1998 u lil Benedetto Bonnici fit-18 ta' Marzu 1999. Carmelo Bonnici bbenefika anke minn *conditional discharge* moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Mejju 2002.

Din il-Qorti inoltre temmen li kazijiet ta' serq ma jistghux jigu ttrattati leggerment u ghalhekk l-element deterrent fl-erogazzjoni tal-piena f'tali kazijiet jassumi certa importanza.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena nflitta minnha fuq iz-zewg appellanti salv il-provvediment opportun li sejjer jinghata minhabba l-problema tad-droga li ghandhom iz-zewg appellanti.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi tichad l-appelli taz-zewg appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li fir-rigward ta' Carmelo Bonnici l-perijodu ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri millum. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex minnufih jiehu l-passi kollha mehtiega sabiex

iz-zewg appellanti Carmelo Bonnici u Benedetto Bonnici jinghataw l-ghajnuna kollha necessarja minhabba l-problema tad-droga u b'hekk ikunu jistghu jsegwu programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni minn dik il-problema. Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------